MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 343/1986/1

**William Debono bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta`estera “Atlas Copco International AB”; u b’nota tat-23 ta’ Settembru 1986 Marie Claire mart Mark Sacco assumiet l-atti tal-kawza minflok William Debono li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Saviour Coppini u Attilio Vassallo Cesareo, it-tnejn bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Plant and Equipment Ltd**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B'citazzjoni tal-11 ta' April 1986 ppresentata fl-allura Qorti tal-Kummerc, l-attur nomine wara li ppremetta li huwa kien biegh u kkonsenja lill-konvenuti nomine kwantita` ta' spare parts u effetti simili tal-valur komplessiv ta' Sweedish Krona 203.445:80 ekwivalenti ghall-LM11,429.49,4 (Dok A u B); u billi nonostante diversi talbiet ghall-hlas il-konvenuti nomine naqsu u baqghu ma hallsux, talab li dik il-qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' LM11,429.49,4 (ekwivalenti ghal Sweedish Krona 203,445:80) rappresentanti valur ta' spare parts u effetti simili mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta sal-4 ta' Settembru, 1983.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti nomine, ingunti personalment ghas-subizzjoni.

B'nota tal-5 ta' Settembru, 1986 il-konvenuti eccepew:-

1. Illi huma ma ghandhomx jaghtu lill-attur nomine l-ammont mitlub fic-citazzjoni.
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju l-eccipjenti qedin jivvantaw diversi pretensjonijiet kontra l-attur nomine konsistenti f'danni illi soffrew imhabba l-agir tas-socjeta` attrici in konfront ma klienti tal-eccipjenti u ghalhekk ikun opportun illi l-pretensjonijiet reciproci jigu likwidati sabiex jigi stabbilit min ghandu jaghti lil min.

Is-socjeta` konvenuta ghalhekk ippresentat kontro-talba fejn fl-ewwel lok ippremettiet li kienet xtrat partita 'spare parts' u affarijiet ohra affini minghand id-ditta attrici illi kienu destinati ghad-ditta Libika NPSC, ma liema ditta l-eccipjenti nomine kienu ilhom jinnegozjaw ghal zmien twil; illi d-ditta attrici nonostante illi kienet taf illi l-merkanzija kienet destinata ghal din id-ditta Libika offriet ghall-bejgh, ad insaputa tal-eccipjenti nomine, l-istess merkanzija bi prezz orhos; illi bhala rizultat ta' dana l-agir da parti tas-socjeta` attrici, l-eccipjenti nomine soffrew danni konsiderevoli konsistenti fil-fatt illi kellhom inaqqsu il-prezz

tal-istess merkanzija u danni ulterjuri billi d-ditta Libika ma baqghetx taghtihom ordnijiet u minn dak iz-zmien ‘il hawn ir-relazzjonijiet kummercjali maghha spiccaw ghal kollox kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi d-ditta attrici hija unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-eccipjent nomine; ghalhekk is-socjeta\` konvenuta talbet illi:-

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-attur nomine huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-eccipjenti nomine;
2. Jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-eccipjenti nomine b’opera ta’ periti nominandi; u
3. konsegwentement l-attur nomine jigi kkundannat ihallas lill-eccipjenti nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-attur nomine ngunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni.

B’nota tat-23 ta’ Settembru, 1986 s-socjeta\` attrici, issa rappresentata minn Marie Claire Sacco, eccepiet illi d-domandi avvanzati mis-socjeta\` konvenuta huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha stante li ma kien hemm ebda agir jew nuqqas da parte tas-socjeta\` attrici li seta ta lok ghad-danni pretizi mill-konvenuti nomine, kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tal-5 ta’ Ottubru, 1998 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tas-socjeta\` konvenuta u laqghat it-talba attrici fl-ammont indikat fic-citazzjoni u ghalhekk ikkundannat lis-socjeta\` konvenuta thallas lis-socjeta\` attrici l-ammont ta’ LM11,429.49,4 bl-interessi legali kif mitlub sal hlas effettiv u kkundannat lis-socjeta\` konvenuta thallas il-kap tal-ispejjes u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

“*Ikkunsidrat li f’din il-kawza hemm talba ghall-hlas ta’ ammont specifikat maghmulha mis-socjeta\` attrici rappresentanti prezz u konsenja ta’ kwantita\` ta’ “spare parts” u hwejjeg ta’ l-istess generu kif ukoll kontro talba maghmulha mis-socjeta\` konvenuta kontra dik attrici ta’ danni f’ammont ta’ likwidarsi, liema kontro-talba hija*

*msejsa fuq agir doluz jew zleali da parti tas-socjeta` attrici meta din ta' l-ahhar allegatament, u dejjem skond il-premessi tal-konvenuti nomine offriet ghall-bejgh lid-ditta Libika li maghha hija kienet qieghdha tikkuntratta mill-istess merkanzija pero` bi prezz orhos.*

*Fil-kors tal-kawza gew prodotti numru ta' xhieda, l-aktar minn naha tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll gew esebiti numru ta' dokumenti relativi ghan-negozju* de quo. *Sfortunatament jirrizulta li parti minn dawn id-dokumenti li gew prodotti mill-konvenuti nomine ghal xi raguni li baqghet ma gietx sufficjentement spjegata ma baqghux disponibbli meta l-process kien f'idejn l-Assistent Gudizzjarju. Saru diversi tentativi u sforzi da parti tal-Qorti biex possibilment jinstab xi mod kif dan in-nuqqas jigi rrimedjat* in toto *pero` dawn l-isforzi ma spiccawx b'ezitu ghal kollox posittiv. Dan maghdud pero`, l-Qorti hija tal-fehma li minn dak li jirrizultalha u mill-kumpless tal-provi, ma jidhirx li l-Qorti ma setghetx tiddelibera u tiddecidi skond il-ligi fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet sollevati mill-partijiet.*
*Dwar it-talba ghal hlas maghmulha mill-attur nomine fl-ammont ta' hdax il-elf erba' mija u disgha u ghoxrin liri maltin, disgha w erbghin centezimi u erba' millezimi (LM11,429.49,4) ekwivalenti ghall-ammontar f'valuta Svediza, Krona 203,445.80, apparti x-xhieda attrici, ma jidhirx li hemm xi prova kuntrarja. Dan minkejja l-fatt li s-socjeta` konvenuta eccepiet illi huma, cioe` l-konvenuti nomine, ma kellhomx jaghtu lill-attur nomine l-ammont mitlub fic-citazzjoni. Effettivament fil-korp tan-nota ta' osservazzjonijiet ippresentata mill-konvenuti nomine – ara para. numru 3 a fol. 2 tan-nota, a fol. 240 tal-process – gie ddikjarat espressament li din il-partita merkanzija ghall-valur indikat mill-attur nomine giet "ixxipjat(a) fit-23 ta' Awissu 1983" u li "m'hemmx kontestazzjoni lanqas dwar dawn il-fatti."*

***Il-kontro-talba tal-konvenuti nomine.***

*Wara li jelenkaw il-fatti saljenti kif jemergu mill-provi u kif jinterpretawhom huma, il-konvenuti nomine jissottomettu li l-pretensjoni taghhom ghal-hlas tad-danni ghandha*

*twassal ghall-konkluzzjoni li bl-agir taghha s-socjeta` attrici kkommettiet atti ta' konkorrenza zleali fil-konfront tad-ditta konvenuta u dana bi vjolazzjoni ta' l-Artikoli 34(1) u 37(1) tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 16 –recte 13 – tal-Ligijiet ta' Malta). Wara li taghmel referenza ghal numru ta' decizzjonijiet moghtija mill-Qrati taghna in materja ta' konkorrenza zleali, is-socjeta` konvenuta telabora kif is-socjeta` attrici nqdiet bl-informazzjoni li kellha fil-pussess taghha biex tizvantaggjaha u "tisirqilha" il-klient taghha billi ghall-istess prodotti hija kkwotat lill-istess klient taghha – ditta Libika – prezzijiet orhos. Anki f'kaz li n-notiziji jkunu veritjeri, jissottomettu l-konvenuti nomine, tista' ssehh il-konkorrenza zleali xorta wahda.*

*L-attur jichad mhux biss l-allegazzjonijiet kollha maghmulin fil-konfront tieghu imma anki jikkontesta l-kwadru legali ta' konkorrenza zleali pprospettat mis-socjeta` konvenuta. Fost ohrajn, is-socjeta` attrici tissottometti li trattandosi ta' agir doluz li allegatament sehh f'pajjiz esteru u mhux f'Malta, dak li hemm ikkontemplat fil-Ligi Maltija citata mill-konvenuti nomine m'huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami.*

*Il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet taz-zewg kontendenti u jidhrilha li trattandosi ta' <u>'penali',</u> il-principju ta' territorjalita` ghandu japplika u jigi osservat fis-sens li jekk kemm-il darba, kif gie allegat mill-konvenuti nomien – l-agir ta' konkorrenza zleali sehh fil-Libja u mhux f'Malta, dik li ghandha tirregola tali agir hija l-ligi ta' dak il-pajjiz u mhux dik ta' Malta, kif pretiz mill-konvneuti nomine.*

*Minbarra l-konkorrenza zleali, pero`, il-konvenuti nomine jikkontendu li <u>in subsidium</u> dak li ghamlet is-socjeta` attrici fil-konfront taghha f'kull kaz kien jikkostitwixxi u jammonta ghall-agir doluz u bhala tali, l-istess socjeta` attrici hija passibbli ghal hlas ta' danni – rapprezentanti u in linea ta' telf ta' bejgh u ordnijiet mid-ditta Libika – in konsegwenza ta' kif agixxiet is-socjeta` attrici fil-konfront taghha.*

*Bhala xhieda in sostenn tal-premessi taghha dwar l-allegat agir doluz, is-socjeta` konvenuta tellghet lil diversi impjegati taghha bhal Marcel Loporto u Attilio Vassallo*

*Cesareo. Issa huwa kollu minnu li l-konvenuti nomine rnexxilhom jiddimostraw lill-Qorti li huma kellhom negozju inizjali miexi tajjeb u promettenti, fosthom man-National Petroleum Services. Ippruvaw wkoll sufficjentement li <u>b'xi mod</u> id-ditta Libjana giet fil-pussess ta' "quotations" ta' prezzijiet mnejn kien jidher li s-socjeta` attrici setghet tipprovdi l-istess oggetti bi prezz aktar inferjuri u li dan naturalment seta' jwassal ghal certi konsegwenzi negativi. Fil-fatt Marcel Loporto xehed li hu rriskontra domandi f'dan is-sens minn naha tad-ditta Libika. Izda anke hawn, u dan ighodd ukoll mhux biss ghall-allegazzjoni ta' agir doluz imma anke dwar il-konkorrenza zleali, hemm xhieda moghtija mill-konvenut Saviour Coppini li ddaghajjef sew dak li qed jigi allegat minnhom. Dan ix-xhud fis-seduta tal-15 ta' April 1993, waqt l kien qed jigi kontro-ezaminat, jistqarr li:-*

*'Jiena ma nafx kienux l-Atlas Copco li taw huma minn jeddhom 'quotation' lill-NPSC jew kienux l-NPSC li talbu 'quotation' lil Atlas Copco, pero` jiena nsostni, ma kellhomx jaghtu 'quotation'.'*

*Issa meta wiehed jifli x-xhieda kollha ghandu jirrizulta fil-fatt – almenu skond ix-xhud Lars Forsselius – li huma sa mis-snin sittin gia' kienu joperaw direttament, igifieri f'isem is-socjeta` attrici, ma' ditti Libici, fil-Libja. Ghalhekk isegwi li ma kien hemm xejn stramb jew sorprentendi li setghet kienet l-istess intrapriza Libika illi talbet 'quotation' direttament minghand is-socjeta` attrici. Minbarra dan, hemm ukoll zvolta ohra dwar din il-vicenda, dik cioe` li certu Thomas Johansson, impjegat tas-socjeta` attrici, u li kien innegozja f'isimha, kellu interessi personali ulterjuri li b'inizjattiva <u>tieghu</u> jibghat 'quotation' lil NPSC. Dan seta' ghamlu sabiex hu jkun jista' jhalli lis-socjeta` attrici u jkompli n-negozju huwa stess f'ismu. Fi kliem iehor, ma giex stabbilit sufficjentement, bhala grad ta' provi, li kien hemm xi ness bejn dak li seta' sar min-naha tas-socjeta` attrici u id-ditta Libika, klienta tal-konvenuti nomine, u li kien seta' jitqies bhala konkorrenza zleali jew agir doluz a detriment tal-konvenuti nomine, kif di fatti kellha okkazzjoni tirritjeni l-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha*

*moghtija fit-2 ta' Marzu 1962 fil-kawza fl-ismijiet "Davidson vs Azzopardi nomine", citata wkoll mill-attur nomine.*

"biex principal jinzamm responsabbli ta' hsara kagunata lil haddiehor, jehtieg jidher illi l-principal ikun qabbad bhala impjegat ghal dak ix-xoghol jew servizz persuna li ma kienitx kompetenti, jew li hu ma kellux ragun jahseb li kienet kompetenti. Gie ritenut illi din id-disposizzjoni tghodd ghad-danni derivanti minn delitt jew kwazi delitt ...."

*Jirrizulta inoltre – ara xhieda ta' Saviour Coppini moghtija fis-16 ta' Jannar 1996 (a fol 167 u 168 tal-process) li din kienet l-ewwel okkazzjoni li s-socjeta` konvenuta kienet ghamlet negozju mas-socjeta` attrici fir-rigward tad-ditta Libika NPSC u li <u>di piu</u>`, bejniethom ma kien sar jew jezisti ebda forma ta' ftehim iehor, la bil-fomm u lanqas bil-miktub.*

*Illi huwa minnu li tramite numru ta' 'telexes', is-socjeta` konvenuta llamentat u pprotestat kontra s-socjeta` attrici ghal dak li ssuccieda lilha fil-Libja in konnessjoni mad-ditta NPSC – imma daqstant iehor jirrizulta li kull allegazzjoni hekk maghmulha giet michuda – ara telex – a fol. 66 tal-process mibghutha minn Erik Fritz, Vici-President ta' Atlas Copco International lil Managing Director tas-socjeta` konvenuta. Fic-cirkostanzi fost l-ahjar u l-aqwa prova kienet tirrizulta minn dak li seta' jinghad minn naha tad-ditta Libika imma din il-prova ma tirrizultax li saret."*

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'rikors pprezentata fit-23 ta' Ottubru, 1998 interponiet appell lil dina l-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija talbet ir-revoka tas-sentenza appellata u b'hekk dina l-Qorti tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` appellanti billi tiddikjara s-socjeta` attrici appellata responsabbli ghad-danni minnha sofferti, tillikwida d-danni hekk sofferti ghall-ekwivalenti f'liri Maltin ta' 261,721.25 dollaru Amerikan skond il-prospett tad-danni a fol.200 tal-process u tikkundanna lis-socjeta` attrici appellata thallas l-istess

somma lis-socjeta` konvenuta appellanti, bl-imghax legali u bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma bazikament is-segwenti:-
1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tax-xhieda meta kkonkludiet li s-socjeta` attrici m'hijiex passibbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta ta' l-agir doluz u/jew il-konkorrenza sleali prattikata mis-socjeta` attrici.
2. Illi l-principju ta' territorjalita` mhux applikabbli ghall-kaz in ezami.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

**Konkorrenza zleali.**
Il-provi f'din il-kawza juru li l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta hija bazata fuq il-fatt li s-socjeta` attrici, li kienet accettat ordni minghand is-socjeta` konvenuta ghall-bejgh u konsenja ta' kwantita` ta' merkanzija li, l-istess socjeta` konvenuta kienet ikkuntrattat li tissupplixxi lid-ditta NPSC tal-Libja, allegatament offriet l-istess merkanzija lill-istess socjeta` Libika bi prezz orhos minn dak li kien ikkuntrattat bejn is-socjeta` konvenuta u dik Libika. Bhala rizultat is-socjeta` konvenuta kellha tirriduci l-prezz taghha b'percentwali sostanzjali, kif ukoll allegatament tilfet kull kuntatt ulterjuri mas-socjeta` Libika u ghalhekk qed tirreklama d-danni.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta appellanti a fol. 239 et sequitur tal-process, jidher li l-bazi tal-kontro-talba proposta minnha huwa l-Artikolu 34(1) tal-Kodici tal-Kummerc abbinat mal-Artikolu 37(1) tal-istess Kodici.

L-Artikolu 34(1) fuq imsemmi jipprovdi li "Il-kummercjanti ma jistghux, ghal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrja jew kummerc ta' kummercjanti ohra." Fl-imsemmija nota a fol. 245 gie sottomess mis-socjeta` konvenuta "*Illi fil-kaz prezenti ma jidhirx li jista` jkun hemm xi dubju dwar l-ezistenza tal-fatt vjolatur tal-ligi. In-notizja, fil-forma ta' "quotation" li s-*

*socjeta` attrici xerrdet lid-ditta Libjana u li, permezz taghha, s-socjeta` attrici informat id-ditta Libjana li hi setghet toffri l-istess merkanzija bi prezz orhos, kellha fiha nnfisha l-intenzjoni cara u manifesta li tkisser in-negozju tas-socjeta` konvenuta."*

Issa fil-kaz in ezami, *dato ma non concesso*, li s-socjeta` attrici fir-realta` ghamlet dak li qed jigi allegat li ghamlet, jirrizulta bhala fatt li l-merkanzija offruta miz-zewg kontendenti lid-ditta Libika kienet ta' provenjenza tas-socjeta` attrici nkwantu din l-istess socjeta` kienet qedha allegatament toffri prodott taghha filwaqt li s-socjeta` konvenuta appellanti kienet qed toffri ossia kkonkludiet bejgh mas-socjeta` Libika ta' prodott li kien jorigina minghand is-socjeta` attrici.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax kif din is-sitwazzjoni tista` tinkwadra ruhha fil-provedimenti ta' l-Artikolu 34(1) citat mis-socjeta` konvenuta. Dan ghaliex dejjem gie ritenut li sabiex kummercjant jinzamm responsabbli ta' konkorrenza zleali taht dan l-Artikolu n-notizzji, veri jew foloz, li huwa jxandar u li jistghu jaghmlu hsara ghall-industrja jew kummerc ta' kummercjanti ohra iridu jkunu tali li jiddenigraw l-"*prodott*" li qed jigi spaccjat minn dak in-negozjant. Ma jistax jkun hemm konkorrenza zleali meta hemm l-identita` tal-prodott u di piu meta l-prodott offrut ikollu l-istess sors. Kif gie ritenut fis-sentenza tal-4 ta' Mejju, 1950 fil-kawza Kummercjant Carmelo Darmanin ne et vs Antonio Cachia ne (Vol. XXXIV.p. 806) "*Il-kazi ta' konkorrenza sleali huma mil-ligi taghna kontemplati tassativament.*" Ghalhekk mhux permess li parti tipprova tibbaza t-talbiet taghha taht l-kuncett tal-"limiti tal-konkorrenza" kemm-il darba c-cirkostanzi ma jinkwadrawx b'mod rigoruz ma dak li huwa espressament provdut mil-ligi u l-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni fir-rigward.

Dan premess izda mhux eskluz ghas-socjeta` konvenuta d-dritt li tagixxi ghad-danni kemm il-darba l-agir tat-terz ikun ikkaguna xi telf u dana taht il-principji generali tal-ligi fir-rigward. Infatti fl-istess sentenza fuq citata l-Qorti kompliet tghid li "*Imma jekk agir simili ma jikkostitwix*

*konkorrenza sleali, huwa agir doluz li jirrendi suggett ghad-danni lil min ikun hati ta' dan l-agir."*

F'dan r-rigward huwa tajjeb li ssir referenza ghall-premessi u t-talba fil-kontro-talba proposta mis-socjeta` konvenuta appellanti. Hemm insibu li t-talba ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghad-danni tas-socjeta` attrici u l-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tal-istess lis-socjeta` konvenuta mhux necessarjament marbutin mal-koncett ta' kokorrenza zleali kif jinghad fin-nota ta' osservazzjonijiet fuq imsemmija, izda huma msejsa ma l-allegat agir "*doluz*" tas-socjeta` attrici konsistenti fil-fatt li din offriet "*ad insaputa*" tas-socjeta` konvenuta l-istess merkanzija bi prezz orhos u dana wara li, kif jirrizulta mill-provi, s-socjeta` attrici kienet mgharrfa min kien ser ikun id-destinatarju tal-merkanzija provduta lis-socjeta` konvenuta. Dan l-agir jista' jwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet tas-socjeta` konvenuta fil-kontro-talba minnha proposta billi qed jigi allegat li s-socjeta` attrici abbuzat meta ghamlet uzu minn informazzjoni konfidenzjali li kienet inghatat u dan a vantagg taghha u a skapitu u dannu tas-socjeta` konvenuta.

Sabiex s-socjeta` konvenuta appellanti tirnexxi fit-talbiet taghha kif proposti fil-kontro-talba minnha intentata trid tipprova qabel xejn li l-"quotation" li nghatat lid-ditta Libika NPSC kienet originat minn ghand is-socjeta` attrici, kif qed jigi allegat fil-kontro-talba taghha.

Jirrizulta li s-socjeta` attrici kellha impjegat, certu Thomas Johansson, li kien jiehu hsieb n-negozju tal-istess socjeta` fit-territorju Libiku. Jirrizulta wkoll li din l-istess persuna kienet telqet l-impieg taghha minn mal-kumpanija attrici u bdiet tuza l-kuntatti taghha sabiex tinnegozja f'isimha proprju bhala "middle man" bejn is-socjeta` attrici u l-akkwirenti Libici.

Intqal li mil-provi prodotti ma jirrizultax b'mod car jekk l-"quotation" tas-socjeta` attrici waslitx ghand id-ditta Libika fuq inizjattiva tas-socjeta` attrici jew jekk din inghatax lilha fuq talba espressa ta' l-istess ditta Libika. Fic-cirkostanzi huwa rilevanti dak li qalet l-ewwel qorti fir-rigward ta'

Johansson u cioe` li dan "*kellu interessi personali ulterjuri li b'inizjattiva tieghu jibghat "quotation" lil NPSC. Dan seta' ghamlu sabiex jkun jista' jhalli lis-socjeta` attrici u jkompli n-negozju huwa stess f'ismu."* Fl-assenza ta' prova kuntrarja u fic-cirkostanzi tal-kaz kollu jidher li l-konkluzzjoni raggunat mill-ewwel qorti kif hawn riportata kienet l-aktar wahda accettabbli u li tinkwadra fl-istampa kollha tal-kaz sotto ezami. Fl-assenza ta' prova konkreta dwar l-partecipazzjoni attiva u diretta tas-socjeta` attrici fil-forniment tal-"quotation" huwa ragionevoli li jigi ritenut li kien dan Johansson li forna l-imsemmija "quotation". Dana mhux biss minhabba l-fatt li huwa bhala l-persuna inkarigat mill-ordni mertu tal-kawza kien konxju tan-natura u entita` tal-ordni, izda ukoll minhabba l-interess manifestament personali ta' l-istess Johansson fis-suq Libiku. Din il-konkluzzjoni jidher li hija abbraccjata mill-istess socjeta` konvenuta appellanti meta, wara li, fir-rikors tal-appell, gie riportat dak li qal Attilio Vassallo Cesareo fid-deposizzjoni tieghu tal-21 ta' Marzu, 1995 in konnessjoni ma konversazzjoni li huwa kellu ma Mr Forsselius, rappresentant tas-socjeta` attrici dwar Mr Johansson intqal hekk: "Minn dan jirrizulta li kien proprju Thomas Johansson li kien baghat il-*quotation* lid-ditta Libjana ......" Kienet ghalhekk l-intromissjoni ta' l-istess Johansson li setghet waslet ghall-effetti negattivi u dannuzi ghas-socjeta` konvenuta.

Ix-xhud Lars Forsselius jkompli jghid li Thomas Johansson kien "finalment" il-persuna responsabbli ghal din it-transazzjoni. Kien ghalhekk il-persuna li kellha r-rapprezentanza kummercjali tal-kumpanija fin-negozjati u bhala tali kellu l-poter li jorbot lill-istess kumpanija attrici.

Issa l-Artikolu 49 tal-Kodici Civili jiddisponi li "*Fin-nuqqas ta' patt, ta' ligi jew ta' uzu kuntrarju, ir-rapprezentanza kummercjali hija regolata mid-disposizzjonijiet tat-Titolu XVIII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili sa fejn jistghu jghoddu, barra mid-disposizzjoni ta' l-artikolu 1861."* Fi ftit kliem rapprezentanza kummercjali hija regolata bid-disposizzjonijiet dwar l-istitut tal-*mandat.*

L-Artikolu 1864 tal-Kap 16 jipprovdi li *"Il-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat*" u l-mandant mhux obbligat ghal dak li l-mandatarju jaghmel barra mil-limiti tas-setgha li jkun inghata hlief "*jekk hu (il-mandant) ikun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil*." (Art. 1880(2)). Fil-kaz sotto ezami jirrizulta mix-xhieda prodotta li Johansson kien responsabbli ghan-negozju in kwistjoni w certament kien konxju mill-fatt li, kif jidher mill-istess invoice Dok A fol-5 et sequitur tal-process, ghalkemm l-akkwirent "buyer" tal-merkanzija hemm indikata kienet is-socjeta` konvenuta din l-istess merkanzija kienet finalment destinata ghad-ditta Libika tant li din kienet "in transit" u ghalhekk ukoll ma kienetx rikjesta "Import Licence". Jidher ghalhekk li l-inkarigu li l-istess Johansson kellu kien li jikkonkludi negozjati mas-socjeta` konvenuta dwar merkanzija destinata lill-terzi u ma kellux id-dritt li javvicina d-ditta Libika. Inoltre ghalkemm jirrizulta li dawn it-terzi nghataw "quotation" ohra u, kif inghad fuq din presumibilment giet minghand l-istess Johansson, ma jirrizultax li s-socjeta` attrici qatt irratifikat l-agir tal-impjegat taghha anzi ghall-kuntrarju jidher li din cahdet kull responsabbilita` ghall-akkadut. F'dawn ic-cirkostanzi ghandhom japplikaw l-provedimenti ta' l-Artikolu 1874(1) fejn huwa espressament stipulat li "*Il-mandatarju jwiegeb mhux biss ghall-eghmil doluz, izda wkoll ghal negligenza fl-ezekuzzjoni tal-mandat."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Huwa relevanti wkoll f'dan il-kuntest, dak li rriteniet l-ewwel qorti dwar ir-responsabbilita` jew nuqqas ta' responsabbilita` tal-principal meta iccitat s-sentenza tat-2 ta' Marzu, 1962 fil-kawza Davison vs Azzopardi. Il-principju hemm citat jinsab enuncjat fl-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili fejn huwa stabbilit li "*Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux raguni jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi."* Dan ghaliex sabiex ikun hemm dik li tissejjah "vicarious liability" irid jirrizulta li l-principal kien 'konsapevoli' tan-nuqqasijiet tal-impjegat tieghu – fl-assenza ta' din il-prova ghandu japplika l-

principju enuncjat fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili li "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.*"

Ghar-ragunijiet fuq esposti dan l-aggravju mhux gustifikat.

In vista ta' dak li inghad hawn fuq u l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti dwar l-infondatezza tal-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta jkun superfluwu li jigi ezaminat it-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------